ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 67

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

17 ta' Marzu 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2010 tas-16 ta' Marzu 2010 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2013 sal-2015, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98** [1] ..................... 1

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 221/2010 tas-16 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 4

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/156/PESK tas-16 ta' Marzu 2010 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** ........ 6

2010/157/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2010 li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1314)* [1] ............................ 9

2010/158/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2010 dwar ċerti miżuri protettivi interim fir-rigward ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fit-tjur fir-Rumanija** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1862)* [1] .................................................... 10

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

Prezz: 3 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2010/159/UE:

★ **Rakkomandazzjoni mill-kummissjoni tal-11 ta’ Marzu 2010 dwar miżuri ta’ awtoprotezzjoni u ta’ prevenzjoni ta’ atti ta’ piraterija u ta’ attakki bl-armi kontra l-bastimenti** ([1]) ................ 13

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 220/2010

**tas-16 ta' Marzu 2010**

**li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin mill-2013 sal-2015, għall-istħarriġ permezz ta' kampjun dwar il-forza tax-xogħol previst mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-funzjonament tal-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 577/98, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi tal-moduli *ad hoc* li jkopru s-snin 2013 sa 2015.

(2) Hemm bżonn ta' sorsi addizzjonali ([2]) għal ċerti setturi b'riskji għolja ta' inċidenti fuq ix-xogħol jew mard ikkaġunat mix-xogħol u problemi oħra relatati mas-saħħa iżda li normalment mhumiex koperti, jew mhux koperti kompletament, minn sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali, bħal "Sajd u akkwakultura" (id-Diviżjoni 03 tan-NACE rev. 2), "Minjieri u barrieri" (it-Taqsima B tan-NACE rev. 2) jew "Saħħa tal-bniedem u attivitajiet ta' ħidma soċjali" (it-Taqsima Q tan-NACE rev. 2).

(3) Modulu ġdid *ad hoc* dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol se jipprovdi valur konsiderevoli flimkien mal-informazzjoni li tista' tinkiseb mingħand l-Istatistika Ewropea tal-Inċidenti fuq ix-Xogħol (ESAW) u l-Istatistika Ewropea dwar il-Mard ġej mix-Xogħol (EODS), u se jippermetti, b'mod partikolari, li d-dejta dwar inċidenti u mard ikkaġunat mix-xogħol tkun direttament marbuta mas-sitwazzjoni ta' persuni fuq is-suq tax-xogħol u l-informazzjoni li għandha tinkiseb fuq riskji emerġenti (eż. problemi ta' saħħa marbuta max-xogħol li għadhom mhux magħrufa bħala mard ikkaġunat mix-xogħol fil-leġiżlazzjoni nazzjonali).

(4) L-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi tirrifletti totalment il-ħtieġa li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-aspetti tax-xogħol tal-immigrazzjoni, b'mod partikolari l-ħtieġa li tittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati bid-Deċiżjoni 2008/618/KE ([3]), li huma parti integrali mill-"Pakkett Integrat ta' Linji Gwida", li huwa maħsub biex joħloq tkabbir ekonomiku u impjiegi fl-Ewropa bħala parti mill-Istrateġija ta' Liżbona li tnediet mill-ġdid, jagħmlu referenza għall-attenzjoni partikolari li għandha tingħata biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakki fl-impjiegi għall-persuni żvantaġġjati, inkluż id-distakk bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċ-ċittadini tal-UE. Huma jistipulaw espliċitament li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti hija essenzjali u jagħmlu sejħa għal immaniġġjar xieraq tal-migrazzjoni ekonomika biex jitjieb it-taqbil tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Hija importanti ħafna dejta xierqa biex timmonitorja dawn il-kwistjonijiet, speċjalment billi, minħabba li l-forza tax-xogħol fl-UE qiegħda dejjem tikber fl-età u minħabba n-nuqqas ta' ħiliet imbassra għall-futur, il-ħtieġa ta' ħaddiema immigranti se tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin.

(5) Fil-kuntest tad-dibattitu li għaddej dwar il-flessigurtà u l-ħtieġa espressa għal adattabbiltà akbar fl-Ewropa kemm tal-intrapriżi kif ukoll tal-ħaddiema, kwistjoni ewlenija enfasizzata fl-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u l-Linji Gwida tax-Xogħol, hu meħtieġ li jkun hemm dejta miġbura minn stħarriġ fuq skala kbira Ewropea dwar il-firxa tal-applikazzjoni ta' forom diversi ta' prassi ġodda tax-xogħol u organizzazzjoni tal-arranġamenti tal-ħin u esperjenzi ma' dawn il-ħaddiema.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

([1]) ĠU L 77 tal-14.3.1998, p. 3.

([2]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol – Strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, adottata fil-21.2.2007 – COM(2007) 62.

([3]) ĠU L 198, 26.7.2008, p. 47.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Il-programm ta' moduli *ad hoc* għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol, li jkopri s-snin mill-2013 sal-2015, kif stabbilit fl-Anness, huwa b'dan adottat.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

## STĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

### Programm multi-annwali ta' moduli ad hoc

1. INĊIDENTI FUQ IX-XOGĦOL U PROBLEMI TA' SAĦĦA MARBUTA MAX-XOGĦOL

*Lista ta' varjabbli:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2011.

*Perjodu ta' referenza:* 2013. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu dejta għat-52 ġimgħa jew għat-tieni kwart tas-sena.

*L-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2011.

*Rappreżentattività tar-riżultati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2011.

*Kompletezza tal-kampjun tal-modulu ad hoc:* Il-kampjun tal-modulu *ad hoc* għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness I, il-punt 4, tar-Regolament (KE) Nru 377/2008 [1], jiġifieri l-kampjun użat biex tinġabar l-informazzjoni fuq moduli *ad hoc* għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar l-elementi varjabbli strutturali.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2014.

2. IL-QAGĦDA TAS-SUQ TAX-XOGĦOL TAL-MIGRANTI U D-DIXXENDENTI IMMEDJATI TAGĦHOM

*Lista ta' varjabbli:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2012.

*Perjodu ta' referenza:* 2014. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu dejta għat-52 ġimgħa jew għat-tieni kwart tas-sena.

*L-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2012.

*Rappreżentattività tar-riżultati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2012.

*Kompletezza tal-kampjun tal-modulu ad hoc:* Il-kampjun tal-modulu *ad hoc* għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness I, il-punt 4, tar-Regolament (KE) Nru 377/2008, jiġifieri l-kampjun użat biex tinġabar l-informazzjoni fuq moduli *ad hoc* għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar l-elementi varjabbli strutturali.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2015.

3. ORGANIZZAZZJONI TAX-XOGĦOL U ARRANĠAMENTI TAL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL

*Lista ta' varjabbli:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2013.

*Perjodu ta' referenza:* 2015. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu dejta għat-52 ġimgħa jew għat-tieni kwart tas-sena.

*L-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2013.

*Rappreżentattività tar-riżultati:* għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2013.

*Kompletezza tal-kampjun tal-modulu ad hoc:* Il-kampjun tal-modulu *ad hoc* għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness I, il-punt 4, tar-Regolament (KE) Nru 377/2008, jiġifieri l-kampjun użat biex tinġabar l-informazzjoni fuq moduli *ad hoc* għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar l-elementi varjabbli strutturali.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2016.

---

(1) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 221/2010

## tas-16 ta' Marzu 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 107,2 |
| | JO | 59,4 |
| | MA | 78,3 |
| | TN | 133,8 |
| | TR | 115,0 |
| | ZZ | 98,7 |
| 0707 00 05 | EG | 219,6 |
| | JO | 134,1 |
| | MK | 134,1 |
| | TR | 137,6 |
| | ZZ | 156,4 |
| 0709 90 70 | MA | 192,2 |
| | TR | 93,9 |
| | ZZ | 143,1 |
| 0709 90 80 | EG | 32,4 |
| | ZZ | 32,4 |
| 0805 10 20 | EG | 42,9 |
| | IL | 54,6 |
| | MA | 56,9 |
| | TN | 49,7 |
| | TR | 61,4 |
| | ZZ | 53,1 |
| 0805 50 10 | EG | 76,3 |
| | IL | 97,8 |
| | TR | 68,0 |
| | ZZ | 80,7 |
| 0808 10 80 | AR | 103,6 |
| | BR | 89,3 |
| | CA | 73,7 |
| | CN | 74,2 |
| | MK | 24,7 |
| | US | 116,6 |
| | ZZ | 80,4 |
| 0808 20 50 | AR | 84,0 |
| | CL | 74,8 |
| | CN | 82,0 |
| | ZA | 101,9 |
| | ZZ | 85,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/156/PESK

## tas-16 ta' Marzu 2010

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/724/PESK [1] li taħtar lis-Sur Erwan FOUÉRÉ bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(2) Fil-15 ta' Settembru 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/706/PESK [2] li testendi l-mandat tar-RSUE sal-31 ta' Marzu 2010.

(3) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż sal-31 ta' Awwissu 2010. Madankollu, il-mandat tar-RSUE jista' jiġi tterminat qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq rakkomandazzjoni tar-Rappreżentat Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li tistabbilixxi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sur Erwan FOUÉRÉ bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwisu 2010. Il-mandat tar-RSUE jista' jiġi tterminat qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq rakkomandazzjoni tar-RGħ wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li tistabbilixxi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

*Artikolu 2*

**Objettiv ta' politika**

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettiv ta' politika tal-Unjoni Ewropea f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li għandu jkun li jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-proċess politiku paċifiku u għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Qafas Ohrid, u b'hekk jiffaċilita progress ulterjuri lejn l-integrazzjoni Ewropea permezz tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Ir-RSUE għandu jappoġġa l-ħidma tar-RGħ fir-reġjun.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) iżomm kuntatt mill-qrib mal-Gvern ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u mal-partijiet involuti fil-proċess politiku;

(b) joffri l-parir u l-faċilitazzjoni tal-Unjoni fil-proċess politiku;

(c) jiżgura l-koordinazzjoni tal-isforzi tal-komunità internazzjonali biex jgħin fl-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tat-13 ta' Awwissu 2001, kif stabbilit fil-Ftehim u l-Annessi tiegħu;

(d) isegwi mill-qrib, u jirrapporta dwar, il-kwistjonijiet ta' sigurtà u dawk interetniċi u jwettaq kollegamenti mal-korpi kollha rilevanti għal dak il-għan;

(e) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, skont il-politika ta' drittijiet tal-bniedem tal-UE u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

(1) ĠU L 272, 18.10.2005, p. 26.
(2) ĠU L 244, 16.9.2009, p. 25.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-RGħ.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm rabta privileġġata mar-RSUE u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi lir-RSUE bi gwida strateġika u direzzjoni politika fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Awwissu 2010 għandu jkun EUR 340 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun eleġibbli sa mill-1 ta' April 2010. In-nefqa għandha tiġi amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont ta' kull nefqa lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Struttura u kompożizzjoni tat-tim**

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli li jikkostitwixxi t-tim tiegħu. It-tim għandu jinkludi t-tagħrif espert dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif meħtieġ mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tat-tim tiegħu.

2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipproponu s-sekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju tal-persunal li jiġi ssekondat minn Stat Membru jew istituzzjoni tal-Unjoni għar-RSUE għandu jkun kopert mill-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata. Esperti ssekondati mill-Istati Membri għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistgħu jiġu stazzjonati wkoll mar-RSUE. Il-persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-Unjoni mittenti u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-persunal tiegħu**

Il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-twettija u l-funzjonament bla tfixkil tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu miftehmin mal-parti/partijiet ospitanti kif adatt. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal tali għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

Ir-RSUE u l-membri tal-grupp tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà ([1]), b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li jingħata aċċess lir-RSUE għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, kif adatt, għandhom jipprovdu sostenn loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

F'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal immobbilizzat barra mill-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, f'konformità mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni ibbażat fuq il-gwida tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, inklużi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregolaw il-ġestjoni l-moviment sigur tal-persunal għal, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll l-ġestjoni tal-inċidenti ta' sigurtà u inkluż pjan ta' kontinġenza u evakwazzjoni tal-missjoni;

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

(b) jiżgura li l-persunal kollu mmobbilizzat barra mill-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(c) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tiegħu li għandhom jiġu mmobbilizzati barra mill-Unjoni, inkluż persunal kkuntrattat lokalment, ikunu ngħataw taħriġ ta' sigurtà adatt qabel u mal-wasla fiż-żona tal-missjoni, ibbażat fuq il-grad ta' riskju mogħti liż-żona ta' missjoni mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

(d) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha miftiehma, magħmula wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà jiġu implimentati, u jipprovdi lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' nofs itterm u ta' implimentazzjoni tal-mandat;

*Artikolu 11*

**Rapportar**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment lir-RGħ u lill-KPS b'rapporti orali u bil-miktub. Ir-RSUE għandu jirrapporta ukoll kif meħtieġ lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Ir-rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tar-RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Barranin.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jippromwovi l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-Unjoni. Huwa għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni fuq il-post jaġixxu b'mod koerenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni, kif ukoll dawk ta' RSUE oħrajn attivi fir-reġjun kif adatt. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni b'aġġornamenti regolari ta' informazzjoni.

2. Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-Kapijiet tal-Unjoni u l-Kapijiet ta' Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu jikkollega wkoll ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra fuq il-post.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjon għar-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat fi tmiem il-mandat.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 15*

**Pubblikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Marzu 2010

## li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1314)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/157/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE [2] tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE ġiet adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena, iżda tippermetti li tiġi kkonfermata għal perjodi addizzjonali li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jaqbeż sena.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE kienet emendata tliet darbiet, l-ewwel bid-Deċiżjoni 2007/231/KE [3] li tawlet il-validità tad-Deċiżjoni sal-11 ta' Mejju 2008, it-tieni bid-Deċiżjoni 2008/322/KE [4] li tawlet il-validità tad-Deċiżjoni għal sena oħra sal-11 ta' Mejju 2009, u t-tielet bid-Deċiżjoni 2009/298/KE [5] li tawlet il-validità tad-Deċiżjoni għal sena oħra, sal-11 ta' Mejju 2010.

(4) Fin-nuqqas ta' miżuri oħra sodisfaċenti li jittrattaw is-sikurezza għat-tfal tal-lajters, huwa meħtieġ li l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE tittawwal għal 12-il xahar oħra u li tkun emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2006/508/KE, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni tapplika sal-11 ta' Mejju 2011."

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2010 u għandhom jippubblikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
(2) ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41.
(3) ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16.
(4) ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40.
(5) ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta’ Marzu 2010

## dwar ċerti miżuri protettivi interim fir-rigward ta’ influwenza tat-tjur ta’ patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fit-tjur fir-Rumanija

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1862)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/158/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta’ Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta’ Ġunu 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta’ ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([3]), u b’mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva fl-għasafar, inkluż it-tjur. L-infezzjoni bil-vajrusis tal-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiċi tagħti lok għal żewġ forom tal-marda li huma distinti mill-kapaċità ta’ tixrid tagħhom. Il-forma ta’ patoġeniċità baxxa ġeneralment tikkawża biss sintomi ħfief, filwaqt li l-forma ta’ patoġeniċità għolja tirriżulta f’rati ferm għoljin ta’ mwiet fil-biċċa l-kbira tal-ispeċi tat-tjur. Dik il-marda jista’ jkollha impatt qawwi fuq il-qligħ mit-trobbija tat-tjur.

(2) L-influwenza tat-tjur tinstab l-aktar fl-għasafar, imma f’ċerti ċirkustanzi jista’ jkun hemm infezzjonijiet ukoll fil-bnedmin għalkemm ir-riskju huwa ġeneralment baxx ħafna.

(3) Fil-każ ta’ tifqigħa ta’ influwenza tat-tjur, hemm riskju li l-aġent tal-marda jkun jista’ jinxtered għal stabbilimenti oħra tat-tjur u għall-għasafar selvaġġi Minħabba f’hekk jista’ jinxtered minn Stat Membru għall-ieħor u għal pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ fl-għasafar ħajjin jew il-prodotti tagħhom u permezz tal-migrazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta’ Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta’ l-influwenza tat-tjur ([4]) tistipula miżuri għall-kontroll ta’ kemm il-forma ta’ patoġeniċità baxxa kif ukoll il-forma ta’ patoġeniċità għolja tal-influwenza tat-tjur. L-Artikolu 16 ta’ dik id-Direttiva jistipula t-twaqqif ta’ żoni ta’ protezzjoni, żoni ta’ sorveljanza u żoni ristretti oħrajn f’każ ta’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta’ protezzjoni fir-rigward tal-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta’ patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur fil-Komunità ([5]) tistipula miżuri ta’ ħarsien addizjonali li jridu jiġu applikati fi Stat Membru affettwat mill-vajrus tal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 sabiex jiġi evitat it-tixrid ta’ din il-marda, filwaqt li titqies l-epidemjoloġija speċifika ta’ dan il-varjant partikolari ta’ vajrus.

(6) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/415/KE jitlob li malli jkun hemm tifqigħa ssuspettata jew ikkonfermata ta’ influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1, l-Istati Membri jistabbilixxu żona ta’ riskju għoli li tkun magħmula minn żoni ta’ protezzjoni u sorveljanza (iż-żona A) u żona ta’ riskju baxx li tifred iż-żona A mill-partijiet ħielsa mill-marda tal-Istat Membru affettwat (iż-żona B). Dawk iż-żoni huma elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni.

(7) Ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni b’tifqigħa kkonfermata ta’ influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fit-territorju tagħha u ħadet il-miżuri xierqa kif stipulati fid-Deċiżjoni 2006/415/KE, inkluż it-twaqqif taż-żoni A u B.

([1]) ĠU, L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU, L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU, L 146, 13.6.2003, p. 1.
([4]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([5]) ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51.

(8) Il-Kummissjoni issa eżaminat dawk il-miżuri ta' protezzjoni b'kollaborazzjoni mar-Rumanija, u hija sodisfatta li l-fruntieri taż-żoni A u B stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-post innifsu tat-tifqigħa kkonfermata.

(9) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe xkiel mhux meħtieġ għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u biex tiġi evitata l-adozzjoni ta' ostakli mhux iġġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li tiġi stabbilita minnufih lista taż-żoni A u B fir-Rumanija fil-livell tal-Unjoni.

(10) Għaldaqstant, sakemm issir il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, iż-żoni A u B fir-Rumanija, fejn iridu japplikaw il-miżuri protettivi stipulati fid-Deċiżjoni 2006/415/KE, għandhom jiġu elenkati fid-Deċiżjoni preżenti u jkun iffissat it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(11) Din id-Deċiżjoni se tiġi riveduta fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi ż-żoni fejn għandhom japplikaw il-miżuri ta' protezzjoni interim stipulati fid-Deċiżjoni 2006/415/KE u l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri.

*Artikolu 2*

1. Iż-żona elenkata fil-Parti A tal-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha titqies bħala ż-żona ta' riskju għoli (iż-żona A) kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2006/415/KE.

2. Iż-żona elenkata fil-Parti B tal-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha titqies bħala ż-żona ta' riskju baxx (iż-żona B) kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2006/415/KE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-17 ta' April 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**PARTI A**

Żona A kif imsemmi fl-Artikolu 2(1):

| ISO Kodiċi tal-Pajjiż | Stat Membru | Żona A | | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi | Isem | |
| RO | Ir-Rumanija | 00038 | Żona li tinkludi: | 17.4.2010 |
| | | | Żona ta' ħarsien:<br>Letea | |
| | | | Żona ta' sorveljanza:<br>C.A. Rosetti<br>Sfiştofca<br>Cardon | |

**PARTI B**

Żona B kif imsemmi fl-Artikolu 2(2):

| ISO Kodiċi tal-Pajjiż | Stat Membru | Żona B | | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi | Isem | |
| RO | Ir-Rumanija | 00038 | Iż-Żoni tal-Kontea ta' Tulcea barra dawk elenkati f'Żona A | 17.4.2010 |

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

**tal-11 ta' Marzu 2010**

**dwar miżuri ta' awtoprotezzjoni u ta' prevenzjoni ta' atti ta' piraterija u ta' attakki bl-armi kontra l-bastimenti**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/159/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba ż-żieda fl-atti ta' piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), fis-86 sessjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju sal-5 ta' Ġunju 2009, adotta serje ta' miżuri permezz ta' diversi ċirkolarijiet li, jew jaġġornaw ir-rakkomandazzzjonijiet ġenerali fis-seħħ dwar il-miżuri biex jikkumbattu atti ta' piraterija u attakki bl-armi tal-bastimenti jew jiddefinixxu miżuri speċifiċi biex isolvu l-piraterija fil-Golf ta' Aden u lil hinn mill-kosta tas-Somalja.

(2) Iċ-ċirkolari MSC.1/Cir. 1334 tat-23 ta' Ġunju 2009 toffri "Gwida lis-sidien u l-operaturi ta' bastimenti, u lill-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ tagħhom, dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-atti ta' piraterija u attakki bl-armi kontra l-vapuri". Din iċ-ċirkolari tagħti lista komprensiva ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fuq il-bastimenti fiċ-ċirkustanzi kollha biex jiġu evitati l-attakki, u biex meta jseħħu, jitnaqqsu bl-iktar mod possibbli r-riskji għall-ekwipaġġ u għall-bastiment.

(3) Iċ-ċirkolari MSC.1/Circ. 1332 tas-16 ta' Ġunju 2009 tagħti l-miżuri msejħa "l-aqwa prattiki ta' ġestjoni" biex jiġu evitati, jitnaqqsu jew jiġu postposti l-atti ta piraterija fil-Golf ta' Aden u lil hinn mill-kosta tas-Somalja ("Best Management Practices to Avoid, Deter or Delay Acts of Piracy in the Gulf of Aden and off the Coast of Somalia") li l-imsieħba tal-industrija marittima żviluppaw fuq bażi volontarja u li l-partijiet kontraenti appoġġaw u nkoraġġew minħabba l-urġenza quddiem it-theddid lil hinn mis-Somalja. L-imsieħba tal-industrija marittima aġġornaw dawn il-miżuri fil-verżjoni 2 li ġiet ippubblikata permezz taċ-ċirkolari MSC.1/Circ. 1335 tad-29 ta' Settembru 2009.

(4) Għalkemm il-miżuri stipulati f'dawn iċ-ċirkolarijiet tal-OMI mhuma la obbligatorji u lanqas vinkolanti, il-ħtieġa ċara għal titjib fis-sigurtà marittima tfisser li l-bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru għandhom jipproteġu lilhom nnifishom bl-iktar mod possibbli bis-saħħa ta' għarfien attwali meta jkunu esposti għal reġjuni ta' navigazzjoni b'riskju għoli ta' piraterija u attakki bl-armi.

(5) L-atti ta' piraterija u ta' attakki bl-armi kontra bastimenti, ta' sikwit huma ta' natura vjolenti, u joħolqu theddida serja f'bosta reġjuni tad-dinja, lil hinn mis-sitwazzjoni attwali fis-Somalja, fil-Golf ta' Aden u fl-Oċejan Indjan.

(6) Iċ-ċifri għas-sena 2008 rigward il-piraterija huma l-ogħla fiċ-ċensimenti li ilhom isiru mill-Uffiċċju Marittimu Internazzjonali mill-1991, b'293 bastiment attakat, 49 maqbuda, 889 baħri meħuda b'ostaġġi, 11 maqtula, 21 megħjuba u preżunti mejta. Mill-2008, l-attakki u l-ħtif ta' bastimenti mmoltiplikaw b'mod partikolari lil hinn mis-Somalja, fil-Golf ta' Aden u fl-Oċejan Indjan. Bosta bastimenti ġew attakkati u maqbuda minn pirati li jżommu l-ekwipaġġ bħala ostaġġi sakemm titħallas somma flus biex jinħelsu. Il-perjodi tal-ħtif itawlu bosta ġimgħat, u anke xhur, u huma inaċċettabbli daqs kemm huma trawmatiċi għal baħħara maqbuda.

(7) Kien hemm żieda fil-għadd ta' attakki fl-Oċejan Indjan u fil-Golf ta' Aden mill-bidu tas-sena 2009, minkejja waqfa matul is-sajf – minħabba l-monsun u l-kundizzjonijiet diffiċli ta' navigazzjoni għall-pirati. Kien hemm talanqas 164 attakk matul l-2009, li 48 minnhom wasslu għall-ħtif ta' bastiment.

(8) L-"aqwa prattiki ta' ġestjoni" jirrikmandaw li l-kumpaniji marittimi u l-bastimenti jirreġistraw fuq is-sit tal-Internet taċ-Ċentru tas-Sikurezza Marittima tal-Qarn tal-Afrika (MSCHOA – http://www.mschoa.org) qabel ma jgħaddu mill-Golf ta' Aden. Il-bastimenti rreġistrati b'dan il-mod jirċievu l-informazzjoni kollha disponibbli dwar is-sitwazzjoni ta' din iż-żona ta' navigazzjoni u jiġu segwiti mill-forzi tal-operazzjoni EU NAVFOR-ATALANTA, u

jitnaqqsilhom ir-riskju ta' attakk. Minkejja dan, iktar minn terz tal-bastimenti għaddejjin minn hemm mhux dejjem jirreġistraw fuq il-MSCHOA, bir-riżultat li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri li jeżistu biex jiżguraw it-tranżitu tagħhom f'dan ir-reġjun.

(9) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-15 ta' Ġunju 2009, iddeċieda li jtawwal b'perjodu ta' sena mit-13 ta' Diċembru 2009, l-operazzjoni militari EU NAVFOR-ATALANTA tal-Unjoni Ewropea bl-iskop li jwaqqaf, jipprevjeni u jnaqqas l-atti ta' piraterija u ta' attakki bl-armi lil hinn mill-kosta tas-Somalja. Din l-operazzjoni militari hija l-ewwel operazzjoni navali meħuda fi ħdan il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża (PESD). Fil-fatt, il-Kunsill osserva li l-piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja kien għadha toħloq theddida importanti għan-navigazzjoni marittima f'dan ir-reġjun.

(10) Billi jikkumplimentaw l-azzjoni meħuda fi ħdan l-operazzjoni EU NAVFOR-ATALANTA, id-dħul effettiv fis-seħħ u l-armonizzazzjoni tal-miżuri preventivi rrakkomandati miċ-ċirkolarijiet MSC.1/Circ. 1334 u MSC.1/Circ. 1335 ma jistgħux ħlief jiffavorixxu l-effikaċja tal-azzjoni ta' protezzjoni navali deċiża mill-Kunsill fil-ġlieda kontra l-piraterija lil hinn mis-Somalja.

(11) Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri mmirati biex isaħħu s-sigurtà marittima u li jiżguraw l-allokazzjoni u l-forniment tal-mezzi kollha meħtieġa għal dan il-għan,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mitluba jiżguraw applikazzjoni effettiva u armonizzata tal-miżuri peventivi biex isolvu t-theddid li jistgħu jiltaqgħu miegħu l-bastimenti f'atti ta' piraterija u ta' attakki armati. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-imsieħba tal-industrija marittima appoġġaw b'qawwa dawn il-miżuri, li diġà ġew mdaħħla f'inventarju u ġew ikkonsolidati.

2. *Miżuri ġenerali*

2.1. L-Istati Membri huma mitluba jinfurmaw lill-operaturi rreġistrati magħhom, biċ-ċirkolari MSC.1/Circ. 1334 adottata fis-86 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) li tistipula u taġġorna l-miżuri preventivi ta' awtoprotezzjoni li l-bastimenti u l-kumpaniji marittimi huma mitluba jdaħħlu fis-seħħ biex jiġġieldu kontra l-atti ta' piraterija u ta' attakki bl-armi kull meta jkun hemm dan ir-riskju, b'konfomità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Port (Kodiċi ISPS).

2.2. L-Istati Membri huma mitluba jivverifikaw partikolarment li l-bastimenti għandhom l-ekwipaġġ suffiċjenti u effettiv b'konformità mar-regola 4.28 tal-Parti B tal-Kodiċi ISPS li saret obbligatorja permezz tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

3. *Miżuri speċifiċi għas-sitwazzjoni lil hinn mill-kosta tas-Somalja.*

3.1. L-Istati Membri huma mitluba li jgħarrfu l-operaturi rreġistrati magħhom, biċ-ċirkolari MSC.1/Circ. 1332 adottata fis-86 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), ikkumplimentata miċ-ċirkolari MSC.1/Circ. 1335, li jawtorizzaw fuq livell internazzjonali, il-miżuri msejħa "l-aqwa prattiki ta' ġestjoni biex jiġu evitati, jitnaqqsu jew jiġu postposti l-atti ta piraterija fil-Golf ta' Aden u lil hinn mill-kosta tas-Somalja", li l-imsieħba tal-industrija marittima jippubblikaw u jaġġornaw regolarment.

3.2. L-Istati Membri huma mitluba li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw it-tixrid tal-għarfien u tal-aġġornamenti perjodiċi, u jivverifkaw l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki ta' ġestjoni biex jiskoraġġixxu l-atti ta' piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja, li huma stipulati fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Siim KALLAS

*Viċi President*

([1]) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

*ANNESS*

**L-Aħjar Prattiki ta' Ġestjoni għad-Deterrenza tal-Piraterija fil-Golf ta' Aden u lil hinn mill-Kosta tas-Somalja**

**(Verżjoni 2 – Awwissu 2009)**

Fi sforz li tiġi kumbattuta l-piraterija fil-Golf ta' Aden u lil hinn mill-Kosta tas-Somalja, dawn l-aħjar prattiki ta' ġestjoni huma appoġġati mir-rappreżentanti tal-industrija internazzjonali li ġejjin:

1. Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Proprjetarji Indipendenti tat-Tankers (INTERTANKO — *International Association of Independent Tanker Owners*)

2. Kamra Internazzjonali tat-Tbaħħir (ICS — *International Chamber of Shipping*)

3. Forum Marin Internazzjonali tal-Kumpaniji taż-Żejt (OCIMF — *Oil Companies International Marine Forum*)

4. Kunsill Marittimu Baltiku u Internazzjonali (BIMCO — *Baltic and International Maritime Council*)

5. Soċjetà ta' Operaturi Internazzjonali tat-Tankers u tat-Terminali tal-Gass (SIGTTO — *Society of International Gas Tanker and Terminal Operators*)

6. Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Proprjetarji tal-Bastimenti tal-Merkanzija Niexfa (INTERCARGO — *International Association of Dry Cargo Ship Owners*)

7. Grupp Internazzjonali tal-Klabbijiet tal-Protezzjoni u Indennizz (IGP&I — *International Group of Protection and Indemnity Clubs*)

8. Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Bastimenti tal-Kruċieri (CLIA — *Cruise Lines International Association*)

9. Unjoni Internazzjonali tal-Assikuraturi Marini (IUMI — *International Union of Marine Insurers*)

10. Kumitat Konġunt tal-Gwerra (JWC — *Joint War Committee*) u Kumitat Konġunt tal-Buq (JHC — *Joint Hull Committee*)

11. Burò Marittimu Internazzjonali (IMB — *International Maritime Bureau*)

12. Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema fit-Trasport (ITF — *International Transport Workers Federation*)

Dawn l-aħjar prattiki ta' ġestjoni huma wkoll appoġġjati minn dawn:

13. Ċentru tas-Sigurtà Marittima tal-Qarn tal-Afrika (MSCHOA — *Maritime Security Centre Horn of Africa*)

14. Organizzazzjoni tal-Kummerċ Marittimu tar-Renju Unit (UKMTO Dubai — *UK Maritime Trade Organisation*)

15. Uffiċċju ta' Kollegament Marittimu (MARLO *Maritime Liaison Office*)

**Prattiki ssuġġeriti ta' ippjanar u operazzjonijiet għall-proprjetarji, l-operaturi, il-maniġers u l-kaptani ta' bastimenti li jagħmlu tranżitu mill-golf ta' Aden u lil hinn mill-kosta tas-Somalja**

*Għan*

1. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-Aħjar Prattiki ta' Ġestjoni (BMP - *Best Management Practices*) biex jassisti lill-kumpaniji u lill-bastimenti jevitaw l-attakki mill-pirati, jagħmlu deterrent għall-attakki u jipposponu l-attakki li jirnexxu fil-Golf ta' Aden (GoA) u lil hinn mill-Kosta tas-Somalja. L-organizzazzjonijiet li ġew ikkonsultati f'dan id-dokument jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira ta' proprjetarji u operaturi ta' bastimenti li jagħmlu tranżitu mir-reġjun.

2. Dawn l-organizzazzjonijiet se jħeġġu lill-membri tagħhom jutilizzaw dawn il-BMP u se jipprovaw jippromulgawhom lil interessi marittimi oħrajn bħala BMP għall-ġlieda kontra l-piraterija fir-reġjun. Dan id-dokument jikkomplementa l-gwida mogħtija miċ-Ċirkolari tal-IMO MSC (*IMO Maritime Security Council*) MSC.1/Circ.1334.

*Profili tipiċi tal-attakk u l-lezzjonijiet mitgħallma*

1. Matul l-2008, u l-ewwel nofs tal-2009, kien hemm żieda fin-numru tal-attakki mill-pirati fuq bastimenti merkantili tul il-GoA kollu, u lil hinn mill-Kosta tas-Somalja u fl-Oċean Indjan tal-Majjistral. Il-maġġoranza tal-attakki għall-ewwel kienu kkonċentrati madwar in-naħa tat-Tramuntana tal-GoA iżda seħħu attakki aktar lil hinn mill-kosta tal-Lvant tas-Somalja.

2. L-analiżi tal-attakki li rnexxew tindika li l-pirati jisfruttaw dawn il-punti vulnerabbli li ġejjin:

   (a) Veloċità baxxa

   (b) Freeboard baxx

   (c) Ippjanar u proċeduri inadegwati

   (d) Stat ta' allert viżibbilment baxx u/jew nuqqas ta' miżuri awtoprotettivi evidenti

   (e) Fejn hija evidenti reazzjoni bil-mod mill-bastiment

3. Huwa komuni li jintużaw żewġ dgħajjes jew aktar miftuħin żgħar/"skiffs" ta' veloċità kbira (sa 25 knots) fl-attakki, li spiss joqorbu mill-kwart tal-port u/jew mill-poppa.

4. L-użu tal-"bastiment ewlieni" tal-pirati, li huwa bastiment akbar li jġorr persunal, tagħmir, provvisti u dgħajsa iżgħar għall-attakk, ippermetta li l-attakki jirnexxu f'distanza akbar mill-kosta.

5. Il-viġilanza għandha tkun l-ogħla fl-ewwel dawl u fl-aħħar dawl, għaliex il-parti l-kbira tal-attakki saru f'dawn il-perjodi.

6. Il-bastimenti ta' veloċità għolja (15-il knot u ogħla) m'għandhomx jippreżumu li huma sikuri mill-attakki iżda l-veloċità hija forma effettiva tad-difiża. F'din iż-żona seħħ l-użu ta' armi tan-nar żgħar, *Rocket Propelled Grenades* (RPG), bi sforz biex jintimidaw il-Kaptani tal-bastimenti biex inaqqsu l-veloċità. Intwera li huwa effettiv li tinżamm il-veloċità massima fuq il-baħar f'dawn iċ-ċirkostanzi.

7. Il-maġġoranza tal-attentati ta' ħtif ta' bastimenti ġew imrażżna minn ekwipaġġ tal-bastiment li jkun ippjana u li jkun ġie mħarreġ minn qabel il-vjaġġ u li uża kontro-miżuri passivi li kienu effettivi.

8. Il-kondizzjonijiet prevalenti ta' temp u tal-istat tal-baħar ukoll jinfluwenzaw ħafna l-abbiltà tal-attakkanti li joperaw. Irjieħ ta' qawwa akbar minn 18-il knot u għoli ta' mewġ akbar minn 2 metri jitqiesu biżżejjed biex jipprovdu protezzjoni għall-bastimenti kollha ħlief dawk l-aktar vulnerabbli, l-aktar fejn il-Kaptani qed iqisu l-Aħjar Prattiki ta' Ġestjoni sal-massimu possibbli.

*L-aħjar prattiki ta' ġestjoni rrakkomandati*

1. Daħla

   (a) Filwaqt li jirrikonoxxi d-diskrezzjoni assoluta tal-Kaptan f'kull ħin biex jadotta miżuri xierqa biex jevita, irażżan jew idewwem l-attakki mill-pirati f'dan ir-reġjun, dan id-dokument tal-aħjar prattiki huwa provdut għall-proprjetarji u għall-operaturi tal-bastimenti, għall-Kaptani u għall-ekwipaġġi tagħhom.

   (b) Mhux il-miżuri kollha diskussi f'dan id-dokument jistgħu jkunu applikabbli għal kull bastiment. Għalhekk, bħala parti mill-analiżi ta' riskju, hija rrakkomandata evalwazzjoni biex jiġi ddeterminat liema mill-BMP tkun l-aktar xierqa għall-bastiment. Madankollu, dawn li ġejjin ġeneralment kienu effettivi:

2. Qabel it-Tranżitu – L-Ippjanar Ġenerali

   (a) Ġenerali

      (i) UKMTO Dubai hija l-ewwel punt ta' kuntatt għall-bastimenti fir-reġjun. Il-kuntatt ta' kuljum bejn il-Kaptani u l-forzi militari jiġi provdut minn UKMTO Dubai, li jkellmu lill-bastimenti u jagħmlu kuntatt dirett ma' MSCHOA u mal-kmandanti navali fuq il-baħar. UKMTO Dubai jeħtieġu aġġornamenti regolari dwar il-pożizzjoni u l-movimenti ppjanati tal-bastimenti. Jużaw din l-informazzjoni biex jgħinu lill-unitajiet navali jżommu stampa preċiża tat-tbaħħir. (Ara l-Glossarju fl-Anness A għal aktar dettalji).

      (ii) Iċ-Ċentru tas-Sigurtà Marittima — Qarn tal-Afrika (MSCHOA), huwa l-awtorità tal-ippjanar u tal-koordinazzjoni għall-forzi tal-UE (EU NAVFOR) fil-Golf ta' Aden u fiż-żona lil hinn mill-Kosta tas-Somalja. (Ara l-Glossarju fl-Anness A.)

      (iii) L-Uffiċċju ta' Kollegament Marin (MARLO) jopera bħala l-kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Forzi Marittimi Kkombinati (CMF — *Combined Maritime Forces*) u l-komunità tat-tbaħħir kummerċjali fir-reġjun. (Ara l-Glossarju fl-Anness A.)

      (iv) Qabel ma jsir it-tranżitu miż-żona ta' riskju għoli, il-proprjetarju u l-Kaptan għandhom iwettqu evalwazzjoni tar-riskju tagħhom stess biex jevalwaw il-possibbiltà u l-konsegwenzi tal-attakki mill-pirati fuq il-bastiment, ibbażata fuq l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli. Ir-riżultat tal-evalwazzjoni tar-riskju għandu jidentifika l-miżuri għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni u għall-irkupru u jfisser li jiġu kkombinati rekwiżiti statutorji ma' miżuri supplimentari biex tiġi kumbattuta l-piraterija.

(v) Il-proċeduri tal-kumpaniji ta' ġestjoni tal-kriżijiet għandhom iqisu miżuri xierqa biex jikkumbattu t-theddida tal-piraterija billi jadottaw prattiki rakkomandati mill-OMI jew mill-industrija skont kif xieraq għaċ-ċirkostanzi partikolari u għat-tip ta' bastiment.

(vi) L-awtoritajiet navali jeħtieġu avviż minn qabel tal-passaġġ ippjanat mill-bastiment sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw il-punti vulnerabbli u jippjanaw il-protezzjoni xierqa. Dan jinkiseb billi primarjament:

1. Isir rapport inizjali lil UKMTO Dubai, (email jew faks).

2. Isir rapport inizjali lil MARLO (email jew faks).

3. Addizzjonalment, jekk il-pjan huwa li jsir tranżitu mill-Golf ta' Aden, jew li ssir navigazzjoni fiż-żona limitata minn 12° Tramuntana, 58° Lvant u 10° Nofsinhar: Il-Moviment tal-Bastiment jiġi rreġistrat mal-MSCHOA (jew onlajn, jew bl-e-Mail jew faks).

(vii) Filwaqt li għandhom jittieħdu miżuri biex il-pirati jiġu mrażżna milli jitilgħu abbord, is-sikurezza tal-ekwipaġġ u tal-passiġġiera hija l-iprem prijorità.

(b) L-Ippjanar tal-Kumpanija

Huwa rakkomandat bil-qawwa li l-maniġers u/jew id-dipartiment tal-operat jirreġistraw għall-aċċess għat-taqsimiet ristretti tas-sit elettroniku tal-MSCHOA (www.mschoa.eu), jirrevedu l-informazzjoni li tinsab fiha u jqassmuha kif xieraq fil-flotta tagħhom.

(i) 4-5 ijiem qabel mal-bastiment jidħol fil-Kuritur Internazzjonali Irrakomandat għat-Tranżitu (IRTC — *International Recommended Transit Corridor*), jew iż-żona bil-limiti 12 gradi Tramuntana jew 58 gradi Lvant jew 10 gradi Nofsinhar, jiġi żgurat li ġiet sottomessa "Reġistrazzjoni tal-Moviment tal-Bastiment" mal-MSCHOA (onlajn, e-Mail jew faks). Nota: Dan jista' jsir mill-bastiment jew mill-kumpanija.

(ii) Isir stħarriġ tal-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tal-Bastiment (SSA — *Ship Security Assessment*) u implimentazzjoni tal-Pjan tas-Sigurtà tal-Bastiment (SSP — *Ship Security Plan*) kif meħtieġ mill-Kodiċi Internazzjonali tal-Bastimenti u tal-Portijiet (ISPS — *International Ship and Port Facility Code*) biex tiġi kkumbattuta t-theddida tal-piraterija.

(iii) L-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Kumpanija (CSO — *Company Security Officer*) huwa mħeġġeġ li jara li hemm pjan ta' kontinġenza għall-passaġġ ta' riskju għoli, li dan jiġi eżerċitat, u li l-Kaptan u l-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Bastiment (SSO — *Ship Security Officer*) jiġu mgħarrfa u ssir diskussjoni magħhom dwaru.

(iv) Ikun hemm konxjetà taż-żoni tal-baħar ta' riskju partikolarment għoli li jkunu ġew ippromulgati.

(v) Tiġi offruta gwida lill-Kaptan tal-bastiment dwar il-metodi preferuti u disponibbli ta' tranżitu fir-reġjun (Tranżitu fi Grupp, Tranżitu fi Grupp bi Skorta, Konvoj Nazzjonali, eċċ.).

(vi) Isiru sessjonijiet perjodiċi ta' taħriġ tal-ekwipaġġ.

(vii) L-użu ta' gwardji ta' sigurtà addizzjonali huwa fid-diskrezzjoni tal-kumpaniji iżda l-użu ta' gwardji armati mhuwiex irrakkomandat.

(viii) Jiġu kkunsidrati riżorsi addizzjonali biex jiżdiedu n-numri ta' persuni tal-għassa.

(ix) Jiġi kkunsidrat l-armar ta' bastimenti b'Miżuri ta' AwtoProtezzjoni (SPM — *Self Protection Measures*) qabel it-tranżitu fiż-żoni ta' riskju għoli.

(c) L-Ippjanar mill-Kaptan tal-Bastiment:

(i) Komunika tar-"Rapport Inizzjali" lil UKMTO Dubai u MARLO (posta elettronika jew faks) meta l-bastiment jidħol fiż-żona tar-rapportar bejn Suez, u 78 gradi Lvant 10 gradi Nofsinhar, ara l-mappa tal-Ippjanar Kontra l-Piraterija Q6099.

(ii) 4-5 ijiem qabel id-dħul fl-IRTC, jew iż-żona fil-limiti ta' 12-il grad Tramuntana, 58 grad Lvant jew 10 gradi Nofsinhar, jiġi żgurat li saret sottomissjoni tar-"Reġistrazzjoni tal-Moviment tal-Bastiment" mal-MSCHOA (onlajn, posta elettronika jew faks). Nota: Dan jista' jsir mill-bastiment jew mill-kumpanija. Jekk issir mill-kumpanija, il-Kaptani għandhom jissodisfaw ruħhom mal-kumpaniji tagħhom li d-dettalji tagħhom huma rreġistrati korrettament mal-MSCHOA.

(iii) Qabel it-tranżitu mir-reġjun huwa rrakkomandat li l-ekwipaġġ għandu jiġi mgħarraf tajjeb.

(iv) Il-pjan tal-kontinġenza kontra l-piraterija ntwera li huwa l-aktar effettiv meta jiġi implimentat bil-quddiem. Isir eżerċizzju bi prova qabel mal-bastiment jasal fiż-żona, il-pjan jiġi mistħarreġ u l-persunal kollu jiġi mgħarraf dwar dmirijietu, inkluża l-familjarità mas-sinjal tal-allarm li jindika attakk mill-pirati.

(v) Il-kaptani jingħataw parir li jippreparaw ukoll pjan ta' komunikazzjoni ta' emerġenza, li jinkludi n-numri ta' kuntatt essenzjali tal-emerġenza kollha u l-messaġġi kollha ppreparati minn qabel, li għandhom ikunu disponibbli faċilment jew jintwerew b'mod permanenti ħdejn il-panel tal-komunikazzjonijiet (eż., numri tat-telefon tal-MSCHOA,IMB PRC, CSO eċċ – ara l-Lista ta' Kuntatt fl-Anness B).

(vi) Tiġi ddefinita l-politika tal-bastiment dwar AIS (*Automatic Identification System*): SOLAS (*International Convention on the Safety of Life at Sea)* tippermetti lill-Kaptan id-diskrezzjoni li jitfi l-AIS jekk huwa jemmen li l-użu tiegħu jżid il-vulnerabbiltà tal-bastiment. Madankollu, sabiex il-forzi navali jingħataw l-informazzjoni tal-intraċċar fil-GoA, huwa rrakkomandat li t-trażmissjoni tal-AIS titkompla iżda tkun limitata għall-identità tal-bastiment, il-pożizzjoni tiegħu, ir-rotta, il-veloċità, l-istat tan-navigazzjoni u l-informazzjoni relatata mas-sikurezza lil hinn mill-kosta tas-Somalja, id-deċiżjoni titħalla wkoll fid-diskrezzjoni tal-Kaptan, iżda l-parir Navali kurrenti hija li tintefa għal kollox. Jekk hemm dubju, dan jista' jiġi vverifikat mal-MSCHOA.

3. L-ippjanar tal-Vjaġġ qabel it-Tranżitu

(a) Il-bastimenti huma mħeġġa li jirrapportaw il-pożizzjoni tagħhom f'nofsinhar, ir-rotta, il-veloċità, il-ħinijiet tal-wasla approssimattivi u attwali lil UKMTO Dubai u lil MARLO meta joperaw fir-reġjun.

(b) Il-bastimenti huma mħeġġa wkoll li jżidu l-frekwenza ta' dawn ir-rapporti meta jinnavigaw miż-żoni magħrufa ta' riskju għoli/piraterija u li jirrapportaw ukoll meta jgħaddu mill-Punt A jew B fil-GoA, kif jidher fil-Mappa Kontra l-Piraterija Q6099.

(c) Fil-GoA

(i) EUNAVFOR jirrakkomanda bil-qawwa li l-bastimenti jwettqu l-passaġġ tagħhom minn ġewwa l-IRTC. Il-bastimenti sejrin lejn il-Punent għandhom jippuntaw lejn il-porzjon tat-Tramuntana tal-kuritur, u l-bastimenti sejrin lejn il-Lvant lejn il-porzjon ta' Nofsinhar. Il-gwida dwar it-Tranżitu fi Grupp (GT - *Group Transit*) fil-GoA dwar ħinijiet u veloċitajiet huma fuq is-sit elettroniku tal-MSCHOA, jekk qed jiġi kkontemplat GT.

(ii) Il-bastimenti għandhom jevitaw li jidħlu fl-Ilmijiet Territorjali Yemeni (YTWs - *Yemeni Territorial Waters*) meta jagħmlu t-tranżitu. Dan huwa għal raġunijiet ta' liġi konswetudinali internazzjonali, għaliex mhuwiex possibbli għall-forzi militari internazzjonali (mhux Yemeni) li jipproteġu l-bastimenti li jiġu attakkati fil-YTW.

(iii) Il-bastimenti jistgħu jintalbu li jagħmlu aġġustamenti għal pjanijiet ta' passaġġ biex jikkonformaw mal-parir tal-MSCHOA dwar ir-rotot.

(iv) Matul il-GT, il-bastimenti m'għandhomx jistennew li dejjem ikunu akkumpanjati minn bastiment tal-gwerra. Iżda l-bastimenti tal-gwerra kollha fil-GoA, kemm jekk huma parti mill-EUNAVFOR jew qed jikkoordinaw magħhom, ikunu konxji dwar il-GT fil-GoA u jkollhom aċċess għad-dettalji kollha ta' tbaħħir vulnerabbli.

(v) L-MSCHOA jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kaptani jagħmlu kull sforz biex jippjanaw il-perjodi ta' tranżitu tal-għola riskju fil-GoA għall-passaġġ bil-lejl (l-MSCHOA jagħti l-pariri lill-bastimenti). Ftit saru attakki bil-lejl li rnexxew.

(d) Barra mill-GoA

(i) Il-bastimenti li jinnavigaw lil hinn mill-kosta tal-Lvant tas-Somalja għandhom jikkonsultaw mas-sit elettroniku tal-MSCHOA jew tal-UKMTO Dubai sabiex jiksbu l-parir l-aktar reċenti dwar rotot.

(ii) Il-kaptani xorta għandhom jaġġornaw lil UKMTO Dubai bil-mod normali dwar ir-rotta u d-dettalji tal-bastiment.

(e) Hemm lista ta' dettalji tal-kuntatt utli fl-Anness B.

4. Qabel it-Tranżitu – Miżuri ta' Difiża

(a) Filwaqt li jitqiesu l-livelli tal-ekwipaġġ, jiġi żgurat li r-rutini tal-bastimenti huma aġġustati b'mod suffiċjentement bil-quddiem biex hemm ekwipaġġ tal-għassa mistrieħa sew u mgħarrfa tajjeb, u li hemm biżżejjed gwardji disponibbli. Il-Kaptan u l-Uffiċjali tal-Għassa għandhom ikunu familjarji mal-impatt tal-manuvri żigużajg abbord il-bastiment partikolari tagħhom, (fil-kondizzjonijiet kollha tal-baħar) u b'mod partikolari l-impatt li għandhom dawn il-manuvri meta titnaqqas il-veloċità tal-bastiment.

(b) Jiġi kkunsidrat li jiġu mminimizzati l-komunikazzjonijiet esterni (radji, *handsets* u informazzjoni tal-AIS) għal informazzjoni essenzjali relatata mas-sigurtà u s-sikurezza u tas-SOLAS biss, matul it-tranżitu mill-GoA u meta l-bastiment jgħaddi mill-Kosta tas-Somalja.

(c) Tiżdied il-preparazzjoni u jiżdiedu r-riżorsi addizzjonali billi jitħaddem makkinarju addizzjonali, inklużi ġeneraturi u muturi tal-manuvrar.

(d) Tiżdied l-għassa/l-ekwipaġġ fuq il-briġġ.

(e) Il-Kamra tal-Magni jkollha l-għassa.

(f) L-aċċess għall-briġġ, il-kamra tal-magni, il-kamra tat-tagħmir tal-manuvrar, u l-akkomodazzjonijiet/spazji interni kollha jiġi msakkar u kkontrollat. Il-punti potenzjali kollha tal-aċċess (bibien, toqob (*portholes*), ventilaturi, eċċ.) għandhom jiġu evalwati għar-riskju u msakkra kif xieraq, speċjalment fejn il-punt ta' aċċess potenzjali jitqies kbir biżżejjed biex jidħol attakkant. L-aċċess minn u lejn l-ispazji tal-akkomodazzjoni u l-ispazji interni tax-xogħol għandu jitnaqqas għal punt uniku ta' dħul meta jsir tranżitu miż-żoni ta' riskju għoli. Kwalunkwe miżura użata m'għandhiex tfixkel ĦRUĠ ta' emerġenza minn ġewwa l-ispazju intern, filwaqt li jibqa' sikur minn aċċess mill-pirati minn barra.

(g) F'każ ta' emerġenza, il-bastimenti tal-gwerra jistgħu jiġu kkuntattjati fuq VHF Ch. 16 (Riżerva Ch.08).

(h) Jiġi vverifikat li s-slielem u t-tagħmir kollu barra huwa stivat jew fuq il-gverta.

(i) Jiġi vverifikat li l-miżuri ta' awtoprotezzjoni li ġew implimentati qabel jibqgħu imwaħħla tajjeb u jaħdmu kif suppost. Wieħed għandu jiftakar li t-tagħmir temporanju jista' jinħall u għalhekk jista' jipprovdi biss livell aktar baxx ta' protezzjoni.

(j) Jekk il-bastiment għandu *freeboard* pjuttost baxx, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li tiżdied il-wisa' tal-murati biex il-ganċijiet tat-tlugħ ma jkunux jistgħu jitqabbdu. Iċċekja s-sit elettroniku tal-MSCHOA għal eżempji ta' dawn il-miżuri.

(k) Huwa rakkomandat li jiġi indikat punt fejn jinġabar kulħadd għall-attakki mill-pirati, jew "ċittadella" u li jiġu pprattikati proċeduri ta' sokra (*lock-down)* sabiex jiddewwem l-aċċess għall-kontroll tal-bastiment u jintrebaħ iż-żmien. Idealment dan għandu jkun 'il bogħod minn paratiji esterni u toqob (*portholes*). Minħabba d-dibattitu kurrenti dwar l-użu ta' ċittadelli u l-metodu kif jintużaw, il-Kaptani huma mħeġġa jivverifikaw b'mod regolari mal-MSCHOA.

(l) Jiġi kkunsidrat l-użu ta' manekkini mal-poġġjamani biex jiġu simulati persuni tal-għassa addizzjonali. Madankollu jekk id-diżinn tal-bastiment joħloq żoni fejn l-għassa ma tkunx tista' tara (*lookout black spots*) u l-evalwazzjoni tas-sigurtà tidentifika dan ir-riskju, jista' jkun li jkollhom bżonn jiġu koperti minn ekwipaġġ.

(m) Huwa suġġerit li l-pompi u/jew pajpijiet tal-ilma jimtlew bil-pressa u lesti biex jintużaw barra mill-gverta u madwar il-bastiment, b'mod partikolari fil-punti l-aktar vulnerabbli.

(n) Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li tinħoloq purtiera tal-ilma madwar il-bastiment sabiex ikun hemm deterrent akbar għat-tlugħ abbord.

(o) Għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' *razor wire*/ostakoli fiżiċi madwar il-poppa/il-punti l-aktar baxxi tal-aċċess, kommensurati mas-sikurezza tal-ekwipaġġ u l-ħrib.

(p) Għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' tagħmir tad-difiża passiva.

(q) Għandu jiġi kkunsidrat li jitqies li jiġu provduti ottiċi għall-viżjoni bil-lejl għall-użu fis-sigħat fid-dlam.

(r) Jitħaddem is-CCTV (jekk disponibbli).

5. Fit-Tranżitu – Operazzjonijiet

(a) L-ekwipaġġ tal-bastiment m'għandux ikun espost għal riskju żejjed meta juża l-Miżuri Awtoprotettivi (SPM - *Self Protective Measures).*

(b) Il-bastimenti kollha fil-GoA huma mħeġġa bil-qawwa li jużaw l-IRTC u li jsegwu l-pariri u l-għażliet ta' żmien dwar GT tal-MSCHOA kif promulgati fis-sit elettroniku tal-MSCHOA.

(c) L-attenzjoni tal-Baħħara hija wkoll miġbuda lejn iċ-ċirkolari tal-OMI SN.1 Circ. 281 datata 4 ta' Awwissu 2009, "Informazzjoni dwar il-Kuritur Rikonoxxut Internazzjonalment għat-Tranżitu (IRTC *Internationally Recognised Transit Corridor*) għall-Bastimenti li Jwettqu Tranżitu fil-Golf ta' Aden" fejn jingħata parir li l-IRTC huwa soġġett li jinbidel mill-awtoritajiet militari skont iċ-ċirkostanzi prevalenti. Il-baħħara huma għalhekk imħeġġa li jiksbu informazzjoni aġġornata mis-sit elettroniku tal-"MSCHOA" http://www.mschoa.org jew Avviżi dwar NAV ippromulgati għal dik iż-żona.

(d) Min bi ħsiebu jsegwi Tranżitu fi Grupp (GT - *Group Transit)* mill-IRTC: it-tranżitu fi grupp isir bil-veloċità tat-tranżitu ta' grupp, iżda wieħed għandu jibqa' konxju mil-limitazzjonijiet tal-bastiment. (Per eżempju, il-parir preżenti huwa li jekk il-veloċità massima hija ta' 16-il knot, wieħed għandu jikkunsidra li jidħol ma' GT ta' 14-il knot u jżomm dawk iż-2 knots bħala riżerva.)

(e) Jekk bastiment mhux bi ħsiebu jsegwi GT mill-IRTC: Tinżamm il-veloċità massima fuq il-baħar meta għaddej miż-żona ta' riskju għoli. (Il-parir preżenti huwa li jekk il-veloċità massima tal-bastiment fuq il-baħar hija ta' aktar minn 18-il knot, mela l-bastiment m'għandux inaqqas il-veloċità għal-GT, iżda għandu jżomm il-veloċità massima fuq il-baħar u jimmira li jwettaq kemm jista' mit-tranżitu fiż-żona ta' riskju għoli fl-aktar dlam possibbli.)

(f) Il-bastimenti għandhom iħarsu r-Regoli Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fil-Baħar f'kull ħin. Il-kaptani għandhom jippruvaw li ma jimpedixxux in-navigazzjoni sikura ta' bastimenti oħrajn meta jidħlu fi jew joħorġu mill-IRTC. Id-dwal tan-navigazzjoni m'għandhomx jintfew bil-lejl. Għandha tiġi osservata l-gwida li tagħti l-Awtorità tal-Istat tal-Bandiera.

(g) Id-dwal fuq il-gverta għandhom jinxtegħlu biss kif meħtieġ għas-sikurezza. Id-dwal fiż-żoni ta' dell madwar il-korp tal-bastiment jistgħu jestendu ż-żona ta' viżibbiltà għall-ekwipaġġ tal-għassa, iżda biss fejn dan huwa konsistenti man-navigazzjoni sikura. Fejn ikunu mwaħħla, u fejn jitqies xieraq, għandu jiġi kkunsidrat l-użu immedjat ta' dwal ta' tiftix "imħaddma remotament". Jekk tiġi osservata attività suspettuża madwar il-bastiment, l-użu ta' dwal ta' tiftix jistgħu jissorprendu u jrażżnu attakk potenzjali. (Il-parir navali kurrenti huwa li jsir tranżitu bid-dwal ta' navigazzjoni biss).

(h) Jinżammu ritratti ta' "bastimenti ewlenin" tal-pirati fuq il-briġġ. Isir rapport minnufih jekk jidhru. Għandu jsir rapport tal-visti kollha ta' bastimenti ewlenin suspettati lil UKMTO Dubai u lill-IMB PRC. (Ara l-Anness C għal eżempju ta' Rapport dwar Pirati biex din l-informazzjoni titgħadda jew dwar rapport dwar kwalunkwe attakk ieħor jew vista oħra.)

(i) Il-Kaptan għandu jipprova jagħmel evalwazzjoni kmieni kemm jista' jkun ta' theddida. Malli l-Kaptan iħoss li qed tiżviluppa theddida, għandu mill-ewwel iċempel lil UKMTO Dubai.

(j) Tinżamm għassa tajba bil-mezzi kollha possibbli għal dgħajjes suspettużi, speċjalment mill-ġnub u minn kull kwartier.

(k) L-ekwipaġġ għandu jitħares minn espożizzjoni għal riskju żejjed. Għandu jsir biss xogħol essenzjali fuq il-gverta matul it-tranżitu fiż-żona ta' riskju għoli. Il-kaptani għandhom, sa fejn huwa possibbli, iżommu lill-membri tal-ekwipaġġ 'il bogħod mill-ispazji esterni fuq il-gverta matul is-sigħat tad-dlam, filwaqt li jiftakru fl-obbligu tagħhom li jżommu għassa sħiħa u tajba fi kwalunkwe ħin.

(l) Għandhom jintużaw dwal, qniepen tal-allarm u attivitajiet tal-ekwipaġġ sabiex il-pirati suspettati jiġu allertati li nstabu.

(m) Hija disponibbli kummerċjalment varjetà ta' miżuri difensivi mhux letali li jistgħu jiġu kkunsidrati; madankollu dawn jistgħu jiġu evalwati minn kumpaniji fuq il-merti tagħhom u skont il-karatteristiċi u l-vulerabbiltà partikolari tal-bastiment ikkunċernat.

6. Jekk Attakkat mill-Pirati

(a) Jiġi segwit il-pjan ta' kontinġenza tal-bastiment ippreparat minn qabel.

(b) Jiġi attivat il-Pjan ta' Komunikazzjoni fl-Emerġenzi, u l-attakk jiġi rrapportat minnufih lill-punt ta' kuntatt primarju uniku fil-każ ta' attakk, li hija UKMTO Dubai. (L-MSCHOA, bħala ċ-ċentru tal-għassa tas-sigurtà marittima li dejjem għandu l-persunal fuq xogħol għall-attakki mill-pirati fir-reġjun, tkompli tiffunzjona bħala punt ta' kuntatt ta' riżerva fil-każ ta' attakk).

(c) Tiġi attivata s-Sistema tal-Allert tas-Sigurtà tal-Bastiment (SSAS - *Ship Security Alert System*), li tallerta lill-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Kumpanija u lill-istat tal-bandiera. Rapporti wara l-attakk għandhom jiġu kkomunikati mill-aktar fis possibbli liċ-ċentri tar-rapportar tal-piraterija rilevanti kif spjegat fit-taqsima 9.

(d) Jekk il-Kaptan ikun eżerċita d-dritt tiegħu li jitfi s-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS - *Automatic Identification System*) matul it-tranżitu taż-żona tal-piraterija, din għandha terġa' tinxtegħel ladarba l-bastiment jiġi taħt attakk mill-pirati.

(e) Għandu jissemmal-allarm tal-emerġenza u ssir tħabbira tal-"attakk mill-pirati" (PA - *pirate attack*) skont il-pjan ta' emerġenza tal-bastiment.

(f) Issir sejħa għall-għajnuna "Mayday" fuq VHF Ch. 16 (u fuq ir-riżerva Ch. 08, li huwa mmonitorjat minn unitajiet navali). Jintbagħat messaġġ ta' bastiment fil-periklu permezz tas-sistema tad-DSC (*Digital Selective Calling* – Sejħa Selettiva Diġitali) u Inmarsat-C, kif applikabbli. Tiġi stabbilita komunikazzjoni bit-telefon ma' UKMTO Dubai.

(g) L-iskiffs għandhom jiġu mrażżna milli joqorbu lejn il-bastiment billi tinbidel ir-rotta u tiżdied il-veloċità fejn possibbli ([1]). Il-pirati għandhom diffikultà kbira biex jitilgħu fuq bastiment li:

   (i) Jivvjaġġa b'veloċità akbar minn 15-il knot.

   (ii) Manuvrar – huwa suġġerit li kmieni kemm jista' jkun possibbli l-Kaptani jwettqu manuvri kontinwi żgħar ta' żigużajg biex aktar jitgerrex it-tlugħ abbord filwaqt li tinżamm il-veloċità. Ikkunsidra żjieda fl-espożizzjoni għar-riħ/mewġ u l-użu tal-mewġ tal-pruwa jew tal-poppa biex tirrestrinġi d-dgħajjes tal-pirati milli jiġu ġenb ma' ġenb mal-bastiment. Il-Kaptani u l-Uffiċjali tal-Għassa (OOW - *Officer of the Watch*), għandhom ikunu konxji dwar il-karatteristiċi tat-tmexxija u l-manuvrar tal-bastiment. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-effetti li jiġu varjati l-ordinijiet tal-kaptan, u l-impatt li dawn jistgħu jkollhom fuq il-veloċità.

(h) Jiġu attivati miżuri difensivi tal-pompi tan-nar.

(i) Jiġi kkunsidrat li jinxtegħlu d-dwal tal-gverta li jħarsu 'l quddiem biex tinġibed l-attenzjoni lejn il-bastiment u tiġi mgħejuna l-identifikazzjoni pożittiva minn forzi militari li jkunu se jaslu bħala bastiment taħt attakk.

(j) Jinġabar l-ekwipaġġ kollu li jifdal skont il-pjan ta' kontinġenza tal-bastiment.

([1]) Jekk tista' tiggwadanja ż-żmien sakemm jaslu l-forzi militari, dan spiss iwassal biex il-pirati jwaqqfu l-attakk tagħhom. Għalhekk huwa essenzjali li wieħed jirreġistra mal-MSCHOA, jintużaw ħinijiet ta' Tranżitu tal-Grupp u li l-pożizzjoni tal-bastiment tiġi aġġornata mal-UKMTO Dubai: dan kollu jagħti probabbiltà akbar li l-appoġġ Navali jkun viċin jekk jattakkaw il-pirati.

7. Jekk jitilgħu abbord il-pirati

(a) Qabel mal-pirati jiksbu aċċess għall-briġġ, tiġi mgħarrfa UKMTO Dubai u, jekk jippermetti ż-żmien, il-Kumpanija.

(b) Ma tiġi offruta ebda reżistenza; din tista' twassal għal vjolenza żejda u periklu għall-ekwipaġġ.

(c) Jekk il-briġġ/kamra tal-magni għandha tiġi evakwata, il-magna ewlenija għandha titwaqqaf; titneħħa d-direzzjoni tal-bastiment u l-bastiment jiġi nnavigat 'il bogħod minn bastimenti oħrajn.

(d) Kulħadd jibqa' kalm u jikkoopera għal kollox mal-pirati.

(e) Għandu jiġi żgurat li l-ekwipaġġ kollu, minbarra t-tim tal-briġġ, jibqgħu flimkien f'post wieħed.

(f) Jekk il-bastiment juża "ċittadella" msakkra, li jiġi żgurat li hija disponibbli protezzjoni/kopertura interna fil-każ li l-pirati jippruvaw jisfurzaw id-dħul. Kulħadd għandu jżomm 'il bogħod minn punti ta' dħul/bibien u toqob (*portholes*)/twieqi – m'għandux ikun hemm reżistenza għad-dħul. Għandhom jintużaw metodi ta' emerġenza ċittadella biex issir komunikazzjoni mal-awtoritajiet.

8. Fl-Eventwalità ta' Azzjoni Militari

(a) L-ekwipaġġ jiġi avżat biex MA JUŻAX kameras bil-flash fi kwalunkwe ħin meta tkun għaddejja azzjoni militari.

(b) Fil-każ li l-persunal militari jieħu azzjoni abbord il-bastiment, il-membri tal-ekwipaġġ għandhom jibqgħu fil-baxx mal-gverta, jgħattu rashom b'idejhom it-tnejn, b'idejhom viżibbli u vojta.

(c) Wieħed irid ikun ippreparat li jirrispondi għal mistoqsijiet dwar l-identità u l-istat abbord.

(d) Wieħed irid ikun konxju li l-Ingliż mhuwiex l-ilsien li jaħdmu bih l-unitajiet kollha navali fir-reġjun.

(e) Il-Forzi Militari jistgħu għall-ewwel jiġbru lill-persuni kollha li jsibu. Din hija prattika standard. Il-persunal tal-bastiment għandu jiġi mgħarraf dwar u ppreparat li jistenna dan, u li jikkoopera għal kollox matul l-istadji inizjali tal-azzjoni militari abbord.

9. Rappurtar Wara l-Inċident (Referenza Anness C)

(a) Wara kwalunkwe attakk mill-pirati jew attività suspettuża, huwa vitali li jsir rapport dettaljat dwar il-ġrajja lil MSCHOA, lil UKMTO DUBAI u lill-IMB.

(b) Dan jiżgura li ssir analiżi sħiħa u li jiġu stabbiliti t-tendenzi fl-attivitajiet tal-pirati, kif ukoll jippermetti eval-wazzjoni tat-tekniki tal-pirati jew tibdil fit-tattiċi, minbarra li jiġi żgurat li jistgħu jinħarġu twissijiet xierqa lil bastimenti Merkantili li qed ibaħħru fil-viċinanza.

(c) Il-kaptani għalhekk huma mitluba jikkompletaw il-formola tar-rapport standardizzat dwar il-piraterija li jinsab fl-Anness C.

*L-aġġornar tal-aħjar prattiki ta' ġestjoni.*

1. Huwa antiċipat li dawn il-BMP jiġu aġġornati perjodikament fuq bażi ta' esperjenza fl-operat u l-lezzjonijiet mitgħallma. Il-partijiet għal dan id-dokument se jippruvaw jiltaqgħu b'mod regolari biex jaġġornaw dawn il-BMP u jiċċirkolaw ir-reviżjonijiet lill-membri rispettivi tagħhom u lil organizzazzjonijiet oħrajn interessati.

2. Fejn hemm dubju, għandu jiġi kkonsultat is-sit elettroniku tal-MSCHOA fejn dejjem ikun hemm informazzjoni rilevanti addizzjonali (filwaqt li jiġi nnutat li dan jista' ma jkunx aċċettat mill-organizzazzjonijiet kollha elenkati aktar 'il fuq).

*ANNESS A*

**GLOSSARJU**

Ir-rwoli u l-interrelazzjoni tal-korpijiet koordinattivi involuti.

**EUNAVFOR**

EUNAVFOR hija l-awtorità koordinattiva li topera fiċ-Ċentru tas-Sigurtà Marittima (Qarn tal-Afrika). L-informazjoni kollha u d-dettalji ta' kuntatt jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-MSCHOA.

**MSC (HOA) Maritime Security Centre (Horn of Africa) (Ċentru tas-Sigurtà Marittima (Qarn tal-Afrika))**

L-MSCHOA ġie stabbilit mill-Unjoni Ewropea (UE) bħala parti mill-inizjattiva tal-Politika Ewropea dwar is-Sigurtà u d-Difiża sabiex tingħeleb il-piraterija fil-Qrun tal-Afrika. Dan ix-xogħol beda bit-twaqqif ta' EU NAVCO f'Settembru 2008. Din iċ-Ċellola ta' Koordinazzjoni li taħdem fi Brussell stabbiliet kollegamenti ma' firxa wiesgħa tal-komunità marittima u pprovdiet koordinazzjoni mal-forzi tal-UE li joperaw fir-reġjun. F'Novembru 2008, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħa pass akbar 'il quddiem ewlieni billi waqqaf missjoni navali – EU NAVFOR ATALANTA – biex ittejjeb is-sigurtà marittima lil hinn mill-kosta tas-Somalja billi tipprevjeni u trażżan l-attakki mill-pirati u billi tgħin biex jiġu salvagwardjati l-bastimenti merkantili fir-reġjun.

**UKMTO Dubai – (UK) Maritime Trade Operations (Operazzjonijiet fil-Kummerċ Marittimu (Renju Unit))**

L-uffiċċju tal-Operazzonijiet fil-Kummerċ Marittimu tar-Renju Unit (UKMTO Dubai) f'Dubai jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-kollegament tal-industrija mal-Forzi Militari Kkombinati (CMF - *Combined Military Forces*). UKMTO Dubai jamministra wkoll l-Iskema tar-Rapportar Volontarju, li taħtha l-bastimenti merkantili huma mħeġġa jibagħtu rapport kuljum, jipprovdu l-pożizzjoni tagħhom u l-ETA fil-port li jmiss, filwaqt li jagħmlu tranżitu fir-reġjun limitat mis-Suez, 78° Lvant u 10° Nofsinhar. Il-UKMTO Dubai wara jintraċċja l-bastimenti, u l-informazzjoni dwar il-pożizzjoni tiġi mgħoddija lis-CMF u lill-kwartieri ewlenin tal-UE. L-informazzjoni ġdida u rilevanti li taffettwa t-traffiku kummerċjali tista' mbagħad tiġi mgħoddija direttament lill-bastimenti, minflok lill-uffiċċji tal-kumpaniji, li jtejjeb ir-responsività għal kwalunkwe inċident u jiffranka ż-żmien.

Għal aktar informazzjoni, jew biex wieħed jissieħeb fl-Iskema tar-Rapportar Volontarju, wieħed għandu jikkuntattja lil UKMTO Dubai: UKMTO@eim.ae

*ANNESS B*

**Dettalji ta' kuntatt utli**

**UKMTO Dubai**

| | |
|---|---|
| Posta Elettronika | UKMTO@eim.ae |
| Telefon | + 971 505523215 |
| Ċell | |
| Faks | + 971 43065710 |
| Telex | (51) 210473 |

**MSCHOA**

| | |
|---|---|
| Permezz tas-sit elettroniku għar-rapportar | www.mschoa.org |
| Telefon | + 44 (0) 1923958545 |
| Faks | + 44 (0) 1923958520 |
| Posta Elettronika | postmaster@mschoa.org |

**IMB PRC**

| | |
|---|---|
| Posta Elettronika | piracy@icc-ccs.org |
| Telefon | + 60 320310014 |
| Ċell | |
| Faks | + 60 320785769 |
| Telex | MA34199 IMBPC1 |

**MARLO**

| | |
|---|---|
| Posta Elettronika | Marlo.bahrain@me.navy.mil |
| Telefon | + 973 17853927 |
| Ċell | + 973 39442117 |

*ANNESS C*

## RAPPORT TA' SEGWITU — RAPPORT DWAR ATTAKK MILL-PIRATI

### Informazzjoni/dettalji tal-bastiment

| |
|---|
| 1. ISEM IL-BASTIMENT: |
| 2. Nru TAL-OMI: |
| 3. BANDIERA: |
| 4. CALL SIGN |
| 5. TIP TA' BASTIMENT: |
| 6. TUNNELLAĠĠI: GRT: NRT DWT: |
| 7. PROPRJETARJI (INDIRIZZ U DETTALJI TAL-KUNTATT): |
| 8. MANIĠERS (INDIRIZZ U DETTALJI TAL-KUNTATT): |
| 9. L-AĦĦAR PORT/PORT LI JMISS: |
| 10. DETTALJI TAL-MERKANZIJA (TIP/KWANTITÀ) |

### Dettalji tal-inċident

| |
|---|
| 11. DATA U ĦIN TAL-INĊIDENT: LT UTC |
| 12. POŻIZZJONI: LAT: (N/S) LONĠ: (E/W) |
| 13. L-EQREB GĦELIEM/LOK: |
| 14. PORT/BELT/ŻONA TAL-ANKRAĠĠ |
| 15. PAJJIŻ/L-EQREB PAJJIŻ: |
| 16. STAT (SORĠUT/ANKRAT/MIEXI): |
| 17. VELOĊITÀ TAL-BASTIMENT: |
| 18. FREEBOARD MATUL L-ATTAKK: |
| 19. TEMP MATUL L-ATTAKK (XITA/ĊPAR/ĊPAR ĦAFIF/ĊAR/EĊĊ, RIĦ (VELOĊITÀ U DIREZZJONI), BAĦAR/GĦOLI TAL-IMBATT): |
| 20. TIPI TA' ATTAKK (TLUGĦ ABBORD/ATTENTAT): |
| 21. KONSEGWENZI GĦALL-EKWIPAĠĠ, GĦALL-BASTIMENT U L-MERKANZIJA: MEMBRI TAL-EKWIPAĠĠ MWEĠĠA'/MAQTULA:<br>OĠĠETTI JEW FLUS MISRUQA: |
| 22. ŻONA TAL-BASTIMENT LI ĠIET ATTAKKATA: |
| 23. L-AĦĦAR MOVIMENTI OSSERVATI TAL-PIRATI/TAD-DGĦAJJES SUSPETTATI: |

**Dettalji tal-parti li wettqet ir-rejd**

| |
|---|
| 24. NUMRU TA' PIRATI/ĦALLELIN: |
| 25. ILBIES/APPARENZA FIŻIKA: |
| 26. ILSIEN MITKELLEM: |
| 27. ARMI UŻATI: |
| 28. DETTALJI DISTINTIVI: |
| 29. DGĦAJJES UŻATI: |
| 30. METODU TA' AVVIĊINAMENT: |
| 31. KEMM DAM L-ATTAKK: |
| 32. AGGRESSIV/VJOLENTI:: |

**Aktar dettalji**

| |
|---|
| 33. AZZJONI MEĦUDA MILL-KAPTAN U L-EKWIPAĠĠ |
| 34. L-INĊIDENT ĠIE RRAPPORTAT LILL-AWTORITÀ KOSTALI? JEKK IVA, LIL MIN? |
| 35. KOMUNIKAZZJONIJIET PREFERITI MAL-BASTIMENT LI QED JAGĦMEL IR-RAPPORT: STAZZJON TAR-RADJU TAL-KOSTA XIERQA/VHF/INMARSAT IDS (KIF UKOLL KODIĊI TAR-REĠJUN TAL-OĊEAN)/MMSI |
| 36. AZZJONIJIET MEĦUDA MILL-AWTORITAJIET: |
| 37. NUMRU TA' EKWIPAĠĠ/NAZZJONALITÀ: |
| 38. JEKK JOGĦĠBOK EHMEŻ MA' DAN IR-RAPPORT – DESKRIZZJONI QASIRA/RAPPORT SĦIĦ/DIKJARAZZJONI TAL-KAPTAN U TAL-EKWIPAĠĠ DWAR L-ATTAKK/RITRATTI MEĦUDA JEKK HEMM. |

**Gwida addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd, supplimentari għall-aħjar prattiki ta' ġestjoni għad-deterrenza tal-piraterija fil-golf ta' Aden u lil hinn mill-kosta tas-Somalja**

I. *Rakkomandazzjonijiet lil bastimenti fiż-żoni tas-sajd*

1. Il-bastimenti tas-sajd mhux Somali għandhom jevitaw li joperaw jew iwettqu tranżitu 'l ġewwa minn 200 nm mill-kosta tas-Somalja, irrispettivament minn jekk għandhomx liċenzji biex jagħmlu dan.

2. L-operazzjonijiet tas-sajd m'għandhomx jinbdew meta r-radar jindika l-preżenza ta' dgħajjes mhux identifikati.

3. Jekk jidhru skiffs tal-*polyester* ta' tip tipikament użati mill-pirati, il-bastiment għandu jiċċaqlaq 'il bogħod minnhom bil-veloċità massima, bid-direzzjoni lejn ir-riħ u l-baħar biex in-navigazzjoni tagħhom tkun aktar diffiċli.

4. Bastiment għandu jevita li jieqaf bil-lejl, ikun allert u jżomm l-għassa fuq il- briġġ, il-gverta u l-kamra tal-magni.

5. Matul operazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment huwa aktar vulnerabbli, wieħed għandu jkun allert u jżomm għassa fuq ir-radar sabiex jingħata avviż massimu lill-Awtoritajiet jekk qed jitwettaq attakk.

6. Matul navigazzjoni bil-lejl, għandhom jintużaw biss dwal mandatorji tan-navigazzjoni u tas-sikurezza sabiex tiġi mrażżna d-dija tad-dawl li tattira lill-pirati li kultant ikunu f'dgħajjes mingħajr radars u jkunu qed iduru fiż-żona jistennew.

7. Meta l-bastiment qed jimxi mingħajr magni filwaqt li jistad bil-lejl, għandu jkun hemm għassa fuq il-briġġ fuq il-gverta u fil-kamra tal-magni. Għandhom jintużaw biss dwal mandatorji tan-navigazzjoni. Il-magna għandha tkun lesta biex tinxtegħel mill-ewwel.

8. Wieħed għandu jżomm 'il bogħod minn bastimenti mhux identifikati.

9. Il-VHF għandu jintuża l-aktar ftit possibbli sabiex jiġi evitat li jinstema' mill-pirati u b'hekk is-sejba tkun aktar diffiċli.

10. L-AIS għandu jiġi identifikat meta jkunu qed joperaw ajruplani tar-ronda marittima fiż-żona sabiex ikunu aktar faċli l-identifikazzjoni u l-intraċċjar.

II. *Identifikazzjoni*

1. Huwa rakkomandat bil-qawwa li l-maniġers jirreġistraw il-bastimenti tas-sajd tagħhom mal-MSCHOA għall-perjodu kollu ta' attività lil hinn mill-kosta tas-Somalja. Dan għandu jinkludi l-komunikazzjoni ta' lista sħiħa tal-ekwipaġġ abbord u l-intenzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, jekk possibbli.

2. Għandu jsir taħriġ qabel il-passaġġ jew operazzjonijiet tas-sajd fiż-żona.

3. Kull meta l-bastimenti tas-sajd huma mgħammra b'tagħmir tal-VMS (*Vessel Monitoring Service* – Servizz tal-Monitoraġġ tal-Bastiment) il-maniġer tagħhom għandu jipprovdi lill-MSCHOA b'aċċess għad-dejta tal-VMS.

4. Il-bastimenti tas-sajd għandhom jevitaw tranżitu minn żoni fejn ġew infurmati li ġew identifikati "bastimenti ewlenin" suspettati tal-pirati, u għandhom jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jiskopru, mill-aktar fis possibbli, kwalunkwe moviment ta' bastimenti kbar jew żgħar li jistgħu jkunu suspettużi.

5. Il-bastimenti tas-sajd għandhom dejjem jidentifikaw ruħhom malli jirċievu talba minn ajruplani jew bastimenti mill-Operazzjoni ATALANTA jew minn kwalunkwe operazzjoni oħra internazzjonali jew nazzjonali kontra l-pirati.

6. Il-bastimenti militari, merkantili u tas-sajd għandhom jirrispondu mingħajr dewmien għal kwalunkwe talba dwar identifikazzjoni magħmula minn bastiment tas-sajd li qed joqorbu lejha (sabiex tiġi ffaċilitata azzjoni bikrija biex il-ħarba tkun possibbli, speċjalment jekk il-bastiment qed jistad).

III. *Fil-każ ta' attakk*

1. Fil-każ ta' attakk jew vista ta' dgħajsa suspettuża, għandhom jiġu mwissija l-awtoritajiet (UKMTO u MSCHOA) u l-bqija tal-flotta.

2. Għandhom jiġu kkomunikati d-dettalji tal-kuntatt tat-tieni kaptan tal-bastiment (li huwa fuq l-art) u li l-għarfien tiegħu tal-bastiment jista' jikkontribwixxi għas-suċċess tal-intervent militari.

Rakkomandazzjonijiet għall-bastimenti tas-sajd bil-lampara biss

3. Il-persunal kollu għandu jiġi evakwat mill-gverta u mill-arblu tal-għassa.

4. Jekk il-pirati ħadu kontroll tal-bastiment u t-tartarun forma ta' xkora hija mxerrda, il-pirati għandhom jiġu mħeġġa jippermettu li jiġu rkuprati x-xbieki. Jekk l-irkupru tal-lampara huwa permess, għandhom jiġu segwiti l-istruzzjonijiet biex tiġi stivata u jiġi spjegat kif jaħdem it-tagħmir sabiex jiġi evitat diżgwid.

# EU Book shop

Il-pubbblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT